# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 14 ta' Jannar 2002**

**Avviz. numru 2579/97**

**Numru 24**

**Paul Pullicino u b'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Ottubru 1998 giet kjamata in kawza is-socjeta assikuratrici Thos C. Smith Insurance Services Limited**

**vs**

**Albino Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' Lm667.17,0 (sitt mija seba u sittin liri u sbatax il-centezmu) bilanc ta' prezz ta' spare parts lill-konvenut mibjugha u konsenjati.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-4 ta' Frar 1997 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie nunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (a fol 4 tal-atti) li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi kien sar ftehim li l-attur ma kienx se jonfoq aktar minn Lm1000 fi spare parts biex esewwi l-karozza, u kien a bazi ta' dan l-arrangament li l-attur gie imqabbad biex isewwi l-karozza;

2. Illi, f'kull kaz, ghandha tigi kjamata fil-kawza id-ditta assikuratrici tal-esponenti, Thos. C. Smith Insurance Servies Limited, peress li l-esponenti kien insured maghha fully comprehenisve, u wara li kien involut f'incident tat-traffiku, il-kumpanija assikuratrici inkarigat lill-attur biex isewwi l-karozza fuq assigurazzjoni tieghu li l-ispejjes tal-parts ma kienux se jigu aktar minn Lm1000; fin-nuqqas ta' din l-assigurazzjoni, il-kumpanija kienet se tiddikjara l-karozza total loss. Ghalhekk, jekk l-attur, issa, qed jippretendi hlas ulterjuri, hija d-ditta assikuratrici li ghanda taghmel tajjeb ghal dan.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat dak verbalizzat a fol 6 tal-atti b'referenza ghas-seduta tal-11 ta' Frar 1998 u ukoll id-digriet moghti fit-2 ta' Ottubru 1998 (fol 17 ibid) u li

biha giet kjamata in kawza fuq talba tal-istess attur s-socjeta assikuratrici tal-konvenut ossija Thos. C. Smith Insurance Services Limited.

Rat li l-istess socjeta kjamata in kawza ma dehritx waqt dawn il-proceduri u lanqas ma ppresentat nota ta' eccezzjonijiet (fol 30 tal-atti) avolja debitament notifikata bl-istess avviz fid-19 ta' Lulju 1999 (fol 29 "a tergo").

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-attur (fol 45 ibid).

Ikkunsidrat

Illi hawnhekk jkun opportuni li ssir referenza ghax-xhieda tal-konvenut (fol 19 et seq ibid) dwar il-ftehim, li allegatament sar bejn il-partijiet involuti f'dan il-kaz u li saret referenza ghalih fin-nota tal-eccezzjonijiet sottomessa minnu. Il-konvenut, fuq dan il-punt, xehed li hu kien involut f'incident stradali f'liema incident, il-karozza tieghu, tal-marka "Opel Corsa" u assikurata "fully comprehensive" mas-socjeta assikuratrici kjamata in kawza, kellha hsarat konsiderevoli. Wara li hu kien ghamel il-"claim" mal-istess socjeta, li da parti taghha ghamlet

"survey" tal-istess karozza, hu kien ha s-"survey" ghand l-attur "u ghidt lil Paul Pullicino sabiex jirranga mad-ditta assikuratrici in rigward il-kont". In konnessjoni ma dan il-punt, il-konvenut testwalment qal "Fil-presenza tieghi nghid illi sar ftehim bejn l-attur u d-ditta assikuratrici tieghi Thos C. Smith ..... u Paul Pullicino accetta li jgib l-affarijiet neqsin. Kien l-istess attur li qal li hu jgib il-"parts" li pero komplessivament ma jaqbsux l-elf lira Maltin. Filfatt l-attur kien ottjena il-"parts" rikjesti li, pero', ma kienux originali. Il-konvenut kompla biex sahaq "nghid li in rigward kontijiet jiena ma' kelli x'naqsam xejn. Il-hlas kellu jsir mid-ditta assikuratrici". Oltre li l-konvenut ilmeta dwar "parts" li ma kienux originali u li " .... il-partijiet migjubin minn Paul Pullicino ma bdewx jiffitjaw kif gja, ghidt", Joseph Cassar , impjegat bhala "claims manager" mas-socjeta kjamata in kawza kien cempel lill-istess attur sabiex "... l-ispejjes .... ma kellhomx jaqbzu l-elf lira Maltin" in rigwad liema telefonata kien gie informat dwarha mill-istess Joseph Cassar li, xehed, prodott mill-istess konvenut f'dawn il-proceduri, kif jidher a fol 43 et seq ibid. Filfatt Joseph Cassar ikkonferma li kien sar "cash settlement" mal-istess konvenut "ta' elf lira Maltin dan bejn wiehed u iehor", bil-hlas jsir direttament lill-istess konvenut "in full and final settlement". Ix-xhud kompla jghid "aktarx jidher li Albino Micallef kien irranga sabiex jgib il-"imitation parts" jew .... "second hand parts" u "Ahna ma wasalna ma (f') ebda arrangament mal-attur Paul Micallef"

waqt li kien cert ("zgur") li ma kienx tkellem mal-attur dwar "... ftehim ta' elf lira Maltin li semmejt ma Albino Micallef".

Ikkunsidrat

Illi l-attur, da parti tieghu (fol 8 et seq ibid) ikkonferma li l-konvenut kien ordna minghandu diversi "parts" ta' karozza (ara fol 12 sa fol 16 ibid) liema partijiet ta' karozza gew mibjugha u konsenjati lill-konvenut bil-prezz ta' Lm1667.17,0. Sussegwentement, il-konvenut kien qallu sabiex jmur "nirranga" mas-socjeta assikuratrici tal-istess konvenut. Hawnhekk, hu kien gie informat dwar dak li kien gie miftiehem bejn il-konvenut u l-istess socjeta', kjamata in kawza, dwar il-limitu ta' Lm1000 f'valur ta' "spare parts". Ghalhekk, kien sar "arrangament" sabiex l-istess socjeta assikuratrici thallas lill-attur Lm1000 bil-bilanc pagabbli mill-konvenut (ara ukoll d-dokument a fol 12 fejn tidher il-firma tal-konvenut).

Ikkunsidrat

Illi, a basi tal-premess jidher li l-esitu ta' dan il-kaz, ghandu jkun is-segwenti:-

a) Ma tesisti ebda relazzjoni, kemm legali kemm ta' fatt bejn l-attur u s-socjeta kjamata in kawza'.

b) Kien hemm ftehim, dwar il-limitu ta' Lm1000 f'valur ta '"spare aprts" bejn il-konvenut u s-socjeta assikuratrici tieghu.

c) Tali ftehim kien jorbot biss, il-konvenut u l-istess sojceta assikuratrici.

d) L-attur kien totalment estraneu ghall-istess arrangament li ghandu jigi konsiderat bhala "res inter alios acta" bejn il-konvenut u s-socjeta kjamata in kawza.

e) Konsegwentement, l-attur ghandu d-dritt fuq basi kemm legali kemm ta' fatt, li jithallas lilu mill-konvenut, il-bilanc pretiz fl-avviz, liema dritt, pero' ma jesistiex vis-a-vis is-socjeta' kjamata in kawza avolja din ma issottomettietx eccezzjonijiet f'dawn il-proceduri waqt li jigi ripetut li kontumacja ma tammontax ghal xi forma ta' ammissjoni ta' xi obbligu.

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta vis-a-vis il-konvenut izda mhux fil-konfront tas-socjeta assikuratrici kjamata in kawza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tichad it-talba in esami fil-konfront tas-socjeta kjamata in kawza, tilqa t-talba attrici kontra l-konvenut Albino Micallef u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm667.17,0 bl-imghax legali mit-12 ta' Dicembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-4 ta' Frar 1997 kontra l-istess konvenut.

Alan Calleja
Deputat Registratur